

Brussell, 3 ta' Marzu 2025
(OR. en)

6672/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0037(NLE)

ANTIDISCRIM 15
COCON 8
COHOM 20
COPEN 35
DROIPEN 16
EDUC 43
FREMP 48
JAI 252
MIGR 78
SOC 102
STATIS 5

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 67 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Partijiet tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika, dwar l-emendi għar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat, fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 67 final.

Mehmuż: COM(2025) 67 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.2.2025
COM(2025) 67 final

2025/0037 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Partijiet tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika, dwar l-emendi għar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat, fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tal-Partijiet¹ ("CoP") tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika ("il-Konvenzjoni ta' Istanbul" jew "il-Konvenzjoni"), b'rabta mal-adozzjoni prevista tal-proposta tal-President tal-Kumitat tal-Partijiet għall-Emenda tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat tal-Partijiet tal-Konvenzjoni ta' Istanbul (IC-CP (2025)¹ prov). Il-proposta tintroduċi klawżola ta' kunsens u klawżola ta' rieżami fir-regoli dwar il-votazzjoni (ir-Regola 20) u emenda tar-regola dwar il-parteċipanti mingħajr id-dritt tal-vot (ir-Regola 2). L-emendar ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura sar meħtieġ wara l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Konvenzjoni ta' Istanbul.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Konvenzjoni ta' Istanbul

Il-Konvenzjoni ta' Istanbul tistabbilixxi sett komprensiv u armonizzat ta' regoli għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fl-Ewropa u lil hinn minnha. Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu 2014.

L-UE ffirmat il-Konvenzjoni f'Ġunju 2017, u lestiet il-proċedura tal-adeżjoni fit-28 ta' Ġunju 2023, li skattaw id-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni għall-UE fl-1 ta' Ottubru 2023. L-UE aderiet mal-Konvenzjoni fir-rigward ta' materji li jaqgħu fil-kompetenza esklużiva tagħha, jiġifieri kwistjonijiet relatati mal-istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni pubblika tal-Unjoni² u kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement³. L-Irlanda u d-Danimarka mhumiex marbuta bl-eżerċizzju mill-Unjoni tal-kompetenza tagħha fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement⁴. L-Istati Membri kollha tal-UE ffirmaw il-Konvenzjoni u, mill-5 ta' Frar 2025, 22 irratifikawha u għalhekk għandhom id-dritt li jivvutaw fil-CoP⁵. Bħalissa hemm 39 Parti għall-Konvenzjoni, inkluż l-UE u t-22 Stat Membru tal-UE.

2.2. Il-Kumitat tal-Partijiet tal-Konvenzjoni

Il-Kumitat tal-Partijiet huwa l-korp politiku tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ tal-Konvenzjoni ta' Istanbul u huwa magħmul mir-rappreżentanti tal-Partijiet għall-Konvenzjoni. Skont l-

¹ [Committee of the Parties - Istanbul Convention Action against violence against women and domestic violence \(Il-Kumitat tal-Partijiet - Il-Konvenzjoni ta' Istanbul Azzjoni kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika\)](#)

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1075 tal-1 ta' Ġunju 2023 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fir-rigward tal-istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni pubblika tal-Unjoni, ĠU L 143 I, 2.6.2023, p. 1–3.

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1076 tal-1 ta' Ġunju 2023 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fir-rigward ta' materji relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement, ĠU L 143 I, 2.6.2023, p. 4–6.

⁴ F'konformità mal-Protokolli Nru 21 u Nru 22 annessi mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

⁵ Status tar-ratifiki fit-08.01.2025: AT (2013); BE (2016); CY (2017); DE (2017); DK (2014); IE (2019); EL (2018); ES (2014); EE (2017) FI (2015); FR (2014); HR (2018); IT (2013); LU (2018); MT (2014); NL (2015); PL (2015); PT (2013); RO (2016); SI (2015); SV (2014); LV (2024).

Artikolu 67(2) tal-Konvenzjoni, il-Kumitat tal-Partijiet għandu l-kompitu li jeleġġi l-membri tal-Grupp ta' Esperti dwar l-Azzjoni kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (Group of Experts on Action against Violence against Women and Domestic Violence, "GREVIO"). Skont l-Artikolu 68(12) tal-Konvenzjoni, is-CoP jista' tadotta, abbażi tar-rapporti u l-konklużjonijiet tal-GREVIO, rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Partijiet dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni. Dan jissorvelja wkoll l-implimentazzjoni ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet ladarba l-perjodu ta' 3 snin għall-implimentazzjoni jkun intemm⁶. Barra minn hekk, il-Kumitat tal-Partijiet jeżamina s-sejbiet ta' inkjesti speċjali trażmessi lil GREVIO f'konformità mal-Artikolu 68(15) tal-Konvenzjoni. Il-Kumitat tal-Partijiet jeleġġi wkoll il-membri tal-bureau tiegħu - il-president u żewġ viċi presidenti⁷.

Skont l-Artikolu 67(3) tal-Konvenzjoni, is-CoP adotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu⁸ (iktar 'il quddiem ir-"Regoli ta' Proċedura") fl-ewwel laqgħa tiegħu tal-4 ta' Mejju 2015. Ir-Regola 20 tar-Regoli ta' Proċedura dwar il-votazzjoni tistabbilixxi, fl-ewwel paragrafu tagħha, li "kull membru tal-Kumitat għandu jkollu vot wieħed" u, fit-tielet paragrafu tagħha, li l-kworum meħtieġ għad-deċiżjonijiet tal-Kumitat huwa ta' "maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti mitfugħa". L-istess kworum huwa meħtieġ ukoll biex jiġu emendati r-Regoli ta' Proċedura (ir-Regola 25). Sal-lum, il-prattika tas-CoP kienet li tadotta rakkomandazzjonijiet u konklużjonijiet abbażi ta' kunsens.

2.3. L-emenda prevista tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat tal-Partijiet

Fit-28 ta' Awwissu 2023, is-Segretarjat tas-CoP ippropona emendi għar-Regoli ta' Proċedura biex jirriflettu l-impatt tal-adeżjoni tal-Unjoni fuq il-funzjonament tal-Kumitat, u, b'mod partikolari, dwar id-dispożizzjonijiet tal-votazzjoni. Is-Segretarjat tas-CoP ta l-possibbiltà lill-Partijiet li jikkummentaw. L-Unjoni, f'konformità mad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (UE) 2024/1669 u 2024/1680 adottati fit-22 ta' April 2024, ipproponiet għadd ta' emendi alternattivi għar-Regoli ta' Proċedura⁹. Fis-16-il laqgħa tal-Kumitat, fil-31 ta' Mejju 2024, l-UE u r-Renju Unit ippreżentaw is-suġġerimenti tagħhom. Matul id-diskussjonijiet sussegwenti, diversi stati membri mhux tal-UE opponew il-proposta tal-UE. Peress li ma kienx possibbli li jintlaħaq qbil, il-Kumitat iddeċieda li l-President tiegħu jwettaq diskussjonijiet informali biex tinstab soluzzjoni ta' compromess. Wara l-konsultazzjonijiet informali, il-President ippreżenta proposta ġdida f'Novembru 2024 (IC-CP (2024)12 prov) li ġiet diskussa matul is-17-il laqgħa tal-Kumitat fis-17 ta' Diċembru 2024. Skont il-proposta, ir-regoli attwali tal-votazzjoni jenħtieġ li jkomplu japplikaw iżda jenħtieġ li jiġu ssupplimentati bi klawżola ta' kunsens u klawżola ta' rieżami. Diversi stati membri mhux tal-UE riedu li d-drittijiet tal-vot tal-UE fil-konvenzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa jiġu indirizzati

⁶ Ara l-"Framework for supervising the implementation of the recommendations addressed to state parties" ("Qafas għas-superviżjoni tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-istati parti"), adottat mill-Kumitat tal-Partijiet fit-13 ta' April 2021, IC-CP/Inf(2021)2.

⁷ Il-kompiti fdati lill-Kumitat tal-Partijiet huma elenkati fir-Regola 1 tar-Regoli ta' Proċedura.

⁸ Id-dokument IC-CP(2015)2, adottat fl-4 ta' Mejju 2015, ir-[Regoli ta' Proċedura](#).

⁹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1669 tat-22 ta' April 2024 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat tal-Partijiet tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, dwar emendi għar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat, fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement, ĠU L, 2024/1669, 12.6.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1669/oj>, u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1680 tat-22 ta' April 2024 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat tal-Partijiet tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika dwar emendi għar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat, fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati ma' istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni pubblika tal-Unjoni, ĠU L, 2024/1680, 12.6.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1680/oj>.

adottat.

3.

mill-ġdid bl-emendi li ġejjin:

ta' din ir-Regola.

paragrafi (2) sa (7). L-ebda emenda oħra ma hija proposta għal dawk il-paragrafi.

biex tindirizza kwalunkwe tħassib u nuqqas skont il-proċedura skont ir-Regola 25.

1-Unjoni Ewropea saret membru sħiħ tas-CoP.

speċifiku.

4.

4.1.

4.1.1. Prinċipji

dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”

Il-kunċett ta' "atti li jkollhom effetti legali" jinkludi atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp inkwistjoni. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li "jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġislazzjoni adottata mil-leġislatura tal-UE"¹⁰.

4.1.2. *Applikazzjoni għal dan il-każ*

Il-Kumitat tal-Partijiet huwa korp stabbilit mill-Konvenzjoni ta' Istanbul. L-emenda l-ġdida għar-Regoli ta' Proċedura li s-CoP huwa mitlub jadotta tikkostitwixxi att li għandu effetti legali. L-att previst se jkun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 67(3) tal-Konvenzjoni. L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Konvenzjoni. Għaldaqstant, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) TFUE.

4.2. **Bażi legali sostantiva**

4.2.1. *Prinċipji*

Il-bażi legali sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE tiddependi primarjament mill-oġġettiv u l-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew ikollu żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE trid tissegjes fuq bażi legali sostantiva unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

Fir-rigward ta' att previst li jsegwi għadd ta' oġġettivi simultanjament, jew li għandu diversi komponenti, li huma marbuta b'mod inseparabbli mingħajr ma wieħed ikun inċidentali għall-ieħor, il-bażi legali sostantiva ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE se jkollha tinkludi, eċċezzjonalment, id-diversi bażijiet legali korrispondenti.

4.2.2. *Applikazzjoni għal dan il-każ*

L-oġġettiv ewlieni tal-att previst huwa li jemenda r-Regoli ta' Proċedura wara l-adeżjoni tal-Unjoni mal-Konvenzjoni ta' Istanbul. Fir-rigward tal-bażi legali sostantiva, l-UE ssieħbet mal-Konvenzjoni ta' Istanbul fir-rigward ta' materji li jaqgħu fil-kompetenza esklużiva tagħha, jiġifieri kwistjonijiet relatati mal-istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni pubblika tal-Unjoni¹¹ u kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement¹². L-adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni ta' Istanbul seħħet permezz ta' żewġ Deċiżjonijiet distinti tal-Kunsill biex jittieħed kont tal-pożizzjoni speċjali tad-Danimarka u tal-Irlanda fir-rigward tat-Titolu V tat-TFUE. B'konsegwenza ta' dan, id-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tal-Partijiet fir-rigward tal-att previst għandha tinqasam f'żewġ deċiżjonijiet paralleli. Il-bażi legali għal din id-deċiżjoni tikkonċerna kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement. Għaldaqstant, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni

¹⁰ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja v Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

¹¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1075 tal-1 ta' Ġunju 2023 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fir-rigward tal-istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni pubblika tal-Unjoni, ĠU L 143 I, 2.6.2023, p. 1–3.

¹² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1076 tal-1 ta' Ġunju 2023 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fir-rigward ta' materji relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement, ĠU L 143 I, 2.6.2023, p. 4–6

proposta hija magħmula mid-dispożizzjonijiet li ġejjin: l-Artikolu 82(2), l-Artikolu 84 u l-Artikolu 78(2).

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi legali tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 82(2), l-Artikolu 84 u l-Artikolu 78(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Partijiet tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika, dwar l-emendi għar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat, fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82(2), l-Artikolu 84 u l-Artikolu 78(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika ("il-Konvenzjoni") ġiet konkluża mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1075¹³, fir-rigward tal-istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni pubblika tal-Unjoni, u permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1076¹⁴, fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement, u daħlet fis-seħħ għall-Unjoni fl-1 ta' Ottubru 2023. Sal-lum, hemm 39 Parti għall-Konvenzjoni, inkluż l-Unjoni u 22 Stat Membru.
- (2) Il-Kumitat tal-Partijiet ("il-Kumitat") huwa korp tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ tal-Konvenzjoni. Skont l-Artikolu 67(3) tal-Konvenzjoni, il-Kumitat adotta ir-regoli ta' proċedura tiegħu stess ("ir-Regoli ta' Proċedura"). Ir-Regoli ta' Proċedura jipprevedu li kull Parti għall-Konvenzjoni jkollha vot wieħed. L-adeżjoni tal-Unjoni għall-Konvenzjoni teħtieġ ċerti aġġustamenti għar-Regoli ta' Proċedura, b'mod partikolari fir-rigward tad-drittijiet tal-vot.
- (3) F'Awwissu 2023, is-Segretarjat tal-Kumitat ippropona ċerti emendi għar-Regoli ta' Proċedura biex jirriflettu l-impatt tal-adeżjoni tal-Unjoni fuq il-funzjonament tal-Kumitat. Dan talab lill-Partijiet għall-Konvenzjoni biex jissottomettu suġġerimenti ta' abbozzar. L-Unjoni stabbiliet il-pożizzjoni tagħha dwar l-emendi proposti fit-22 ta' April 2024¹⁵ u pproponiet emendi alternattivi għar-Regoli ta' Proċedura. Matul is-16-il

¹³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1075 tal-1 ta' Ġunju 2023 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fir-rigward tal-istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni pubblika tal-Unjoni (ĠU L 143 I, 2.6.2023, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/1075/oj>).

¹⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1076 tal-1 ta' Ġunju 2023 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fir-rigward ta' materji relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement (ĠU L 143 I, 2.6.2023, p. 4, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/1076/oj>).

¹⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1669 tat-22 ta' April 2024 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat tal-Partijiet tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-

laqgħa tal-Kumitat fil-31 ta' Mejju 2024, ma kienx possibbli li jintlaħaq qbil dwar l-emendi proposti u l-Kumitat iddeċieda li l-President tiegħu jwettaq konsultazzjonijiet informali biex tinstab soluzzjoni aċċettabbli għall-membri kollha tal-Kumitat.

- (4) Wara l-konsultazzjonijiet informali, il-President ippreżenta proposta riveduta f'Novembru 2024 (IC-CP(2024)12 prov). Skont dik il-proposta, ir-regoli attwali tal-votazzjoni jenħtieġ li jkomplu japplikaw iżda għandhom jiġu ssupplimentati bi klawżola ta' kunsens (li tiddikjara li għandu jsir kull sforz mill-Kumitat biex ikompli l-prattika tiegħu li jieħu deċiżjonijiet b'kunsens) u klawżola ta' rieżami (li tiddikjara li l-Kumitat għandu jeżamina l-applikazzjoni tar-regoli fi żmien 3 snin wara l-adozzjoni tal-emendi).
- (5) Fit-13 ta' Frar 2025, is-Segretarjat tal-Kumitat qassam il-Proposta riveduta tal-President tal-Kumitat tal-Partijiet għall-emenda tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Istanbul (id-dokument IC-CP(2025)1Prov) ("l-att previst"). Is-Segretarjat stieden lill-Partijiet japprovaw il-proposta permezz ta' proċedura bil-miktub. Ġie kkomunikat ukoll li, sakemm ma jiġux ippreżentati oġġezzjonijiet bil-miktub lis-Segretarjat sat-30 ta' April 2025, l-att previst jitqies bħala adottat.
- (6) Ikun xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni, peress li l-emendi għar-Regoli ta' Proċedura se jkunu legalment vinkolanti għall-Unjoni.
- (7) L-adozzjoni tal-proposta riveduta għall-emenda tar-Regoli ta' Proċedura twassal biex ir-regoli attwali dwar il-votazzjoni essenzjalment jibqgħu fis-seħħ bl-Unjoni jkollha vot wieħed flimkien mal-voti tal-Istati Membri li huma Partijiet għall-Konvenzjoni. Iż-żieda tal-klawżola ta' kunsens u l-klawżola ta' rieżami jenħtieġ li jkunu aċċettabbli għall-Unjoni. Il-klawżola ta' kunsens tikkodifika l-prattika eżistenti fil-Kumitat u l-klawżola ta' rieżami tispjega l-intenzjoni li r-Regoli ta' Proċedura jiġu vvalutati mill-ġdid mhux aktar tard minn 3 snin wara l-adozzjoni tal-emendi, mingħajr ma jiġi ppreġudikat kwalunkwe eżitu speċifiku.
- (8) Fir-rigward tar-Regola ta' Proċedura li telenka l-parteċipanti li mhumieq membri tal-Kumitat tal-Partijiet, ir-referenza għall-Unjoni Ewropea jenħtieġ li titħassar peress li m'għadhiex valida.
- (9) Għalhekk, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni tkun li ma toġġezzjonax għall-adozzjoni tal-proposta għal emendi għar-Regoli ta' Proċedura kif deskritt fid-dokument IC-CP(2025)1 prov.
- (10) L-Irlanda mhijiex marbuta bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1076 u għalhekk mhijiex tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
- (11) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tiegħu sehem fl-

prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, dwar emendi għar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat, fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni gudiżzarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement (ĠU L, 2024/1669, 12.6.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1669/oj>), u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1680 tat-22 ta' April 2024 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat tal-Partijiet tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika dwar emendi għar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat, fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati ma' istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni pubblika tal-Unjoni (ĠU L, 2024/1680, 12.6.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1680/oj>).

adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u ma hijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tal-Partijiet, stabbilit skont l-Artikolu 67 tal-Konvenzjoni, għandha tkun li ma toġġezzjonax għall-adozzjoni tal-Proposta riveduta tal-President tal-Kumitat tal-Partijiet għall-emenda tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat tal-Partijiet tal-Konvenzjoni ta' Istanbul [IC-CP(2025)1 prov].

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President